MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-1 ta' Jannar, 1900

Talba Numru. 749/2006

**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**DR IAN SPITERI BAILEY LL.D. LL.M.**
**GUDIKATUR**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 28 ta' Settembru 2006**

**Numru fuq il-lista :**

**Talba Numru : 749/06ISB**

**Maltacom plc (C22334)**

**Vs**

**Josianne Fenech I.D. 164385 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-8 ta' Awissu 2006, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u erbgha u ghoxrin Liri Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm224.53), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2006, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u erbgha u ghoxrin Liri Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm224.53), bl-imghax legali u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------